KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmintax (18)***

***L-Erbgħa, 27 t'Awwissu, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 18 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**18.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Tressqet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Steven Axisa fejn talab li jkun skużat minħabba li jinsab indispost. Il-Kunsill approva.

*Il-Kunsilliera Christine Dalli talbet li tkun skużata mill-Laqgħa (18:00)*

**18.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 17 li nżammet nhar il-Ħamis, 24 ta' Lulju 2025

18.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 17 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

18.2.3 **Mozzjoni Numru 18-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 17

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

Il-Minuti Numru 17 ġew approvati unanimament.

**18.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

*F'dan l-istadju l-Kunsilliera Christine Dalli reġgħet attendiet fil-laqgħa (18:06)*

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 18(09) – Awwissu 2025***

18.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 18(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12039 sa 12088 kif ukoll cheque bin-numri 7270 sa 7271 li jammontaw €36,309.44

18.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

18.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll żewġ ħlasijiet, dak tal-avukat tal-każini fuq l-appell tal-Kamra tan-Nar li l-Kunsill kien qabel f'laqgħat preċedenti li se jħalla u jammonta għal Eur1180. Tressaq ukoll il-ħlas tas-STO tal-proġett tal-boundary wall u tat-Turretta li jammonta għal Eur1416.

18.3.4 Ġie propost ukoll li tintbagħat ittra uffiċjali lil każini fejn ninfurmawhom li l-Kunsill mhux se jkun qed jħallas l-ispejjeż tal-avukati jekk dwar dan il-każ ikollha tinfetaħ kawża. F’dak il-każ il-Kunsill qabel li għandhom isiru iktar diskussjonijiet u jsir ftehim ieħor.

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Stephen Attard (18:09)*

18.3.5 **Mozzjoni 17-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 18(09) bil-pagamenti imsemmija f’materja 18.3.3

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard

Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

L-iskeda ta’ pagamenti numru 18(09) ġiet approvata unanimament.

**18.4 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena 2025</u>**

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa attenta l-Accountant tal-Kunsill virtwalment.*

18.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm imniżżla fir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena Jannar – Ġunju 2025.

18.4.2 Ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena Jannar -Ġunju 2025 tqassam minn qabel u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri.

18.4.3 L-Accountant tal-Kunsill informa li f’dan il-perjodu il-Kunsill reġa’ irreġistra surplus ta’ Euro 1,336

18.4.4 **Mozzjoni 16.3:** Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena Jannar – Ġunju 2025.

Proponent: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

Sekondant: Il-Vici Sindku Brian Xuereb

Ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena Jannar – Ġunju 2025 ġie approvat unanimament.

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa l-Accountant tal-Kunsill ħareġ mill-Laqgħa*

**18.5 <u>Korrispondenza</u>**

18.5.1 Tressqet korrispondenza dwar proposta sabiex jitpoġġa kontenitur għaż-żejt użat f’xi sit indikat mill-Kunsill Lokali. Dwar dan il-Kunsill qabel.

18.5.2 Tressqet korrispondenza dwar talba għal Bozza ġdida fi Triq Għar Dalam. Il-Kunsill approva.

18.5.3 Tressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar il-ħlas li konna ġejna mitluba li nħallsu għall-iskart li ma ġiex aċċettat fil-landfills. Ir-Reġjun infurmawna li se jagħddulna Credit Note biex il-ħlas ma jitħallasx mill-Kunsill.

18.5.4 Tressqet korrispondenza mingħand l-Avukata tal-persuna li qed tilmenta dwar is-siġra fil-Pjazza fejn reġgħet talbet li ssir laqgħa mal-Kunsill kollu u l-entitajiet kollha konċernati. Il-Kunsill qabel li l-aħjar data sabiex ikunu preżenti l-Kunsill kollu hija qabel il-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

18.5.5 Tressqet korrispondenza dwar meta tista ssir il-Laqgħa li jmiss tal-Kunsill tat-Tfal. Il-Kunsill qabel li l-aħjar issir fis-16 ta' Settembru qabel it-tfal jibdew l-iskola. Għal din il-Laqgħa se nkunu qed ninfurmaw ukoll lill-Community Police biex jattendu.

18.5.6 Tressqet korrispondenza dwar tabelli ta' 'IEQAF, ĦARES U AQSAM' li qed jiġu proposti li jsiru fuq zebra crossings. Il-Kunsill issuġġerixxa li dan il-proġett jagħmluh it-tfal quddiem l-iskola u għaldaqstant se nkunu qed inkellmu lill-Kunsill tat-Tfal sabiex jagħmluh. Is-Sindku qal li se jkun qed jordna crash barriers quddiem l-iskola biex jitnaqqas il-periklu fid-daħla tal-iskola. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

18.5.7 Tressqet kwotazzjoni mingħand kumpanija tad-divertiment għat-tfal meta tibda l-iskola. L-ispiża hija ta' €425. Il-Kunsill approva u se jkun qiegħed jagħmel ukoll xi tiżjin bil-bżieżaq quddiem l-iskola.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa s-Sindku talab li l-laqgħa tiġi sospiża (18:44)*

*Il-Laqgħa tkompliet fis-18:56*

18.5.8 Tressqet korrispondenza mingħand TM dwar it-Traffic Management Plan ta' Triq il-Gudja fejn qed jitolbu spjegazzjoni għat-talba tal-Kunsill sabiex it-toroq jiġu one-way. Il-Kunsill qabel li bħala risposta jiġi spjegat li toroq huma kollha residenzjali u bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat jagħmilha diffiċli sabiex jgħaddu żewġ karozzi f'direzzjonijiet opposti. Din il-ħtieġa qed tinħass iktar minħabba li wara li sar il-proġett tal-Barrani dawn it-toroq residenzjali qed jiġu frekwentati b'iktar vetturi kontinwament. Id-Deċizjoni tal-Kunsill, dik li t-traffiku jidħol min-naħa tal-Maypole u joħroġ minn Triq San Filippu direzzjoni lejn Triq il-Belt Valletta, hija finali u il-Kunsill jixtieq li tiġi implimentata qabel id-dħul tat-tfal fl-iskola. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. se nqabbdu perit bi pjan ta parking

18.5.9 Tressqet korrispondenza dwar meta se ssir il-Laqgħa ma Project Green dwar il-Proġett ta' Triq l-Andar u it-Traffic Management Plan. Din il-Laqgħa se ssir fuq Teams fit-2 ta' Settembru fil-11am.

18.5.10 Waqt Laqgħa li s-Sindku s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-Pulizija tal-Komunita' ġie ssuġerit li jsiru avviżi mill-Kunsill dwar tneħħija ta' oġġetti li jingombraw bil-kollaborazzjoni tal-Pulizija. IL-Kunsill qabel li jagħmel stickers bħala notifika.

18.5.11 Waqt l-istess laqgħa, il-Pulizija ressqu talba sabiex tinxtara rota tal-elettriku biex tintuża' mill-Pulizija tad-distrett. Il-Kunsill f'dan l-istadju ma qabilx minħabba li m'hemmx fondi allokati għal din l-ispiża. Is-Sindku qal li dalwaqt se jkun qed jinfetah il-Hub tal-Community Police fl-għassa ta' quddiem il-Kunsill għaldaqstant il-preżenza tal-pulizija se tkun qed tiżdied. Il-Kunsill kompla billi qal li jista' jerġa jikkunsidra din it-talba f'każ li l-ispiża tinqasam bejn il-bliet u l-irħula tad-distrett.

18.5.11 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex jingħata isem lil Sqaq Nru 5 fi Triq Ta' Loretu. Il-Kunsill qabel li jintbagħat email lil kulħadd biex jiġi propost isem.

**18.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

18.6.1 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba sabiex jitneħħa l-kaxxa tal-Parking li hemm fi Triq Santa Marija fil-kantuniera minħabba li perikoluż. Il-Kunsill approva.

18.6.2 Is-Sindku Karl Boxall ppropona li l-Kunsill jixtri karozza żgħira sabiex tintuża' bħala mezz ta' trasport għal membri tal-Kunsill u staff. L-ispiża għal din il-karozza hija ta' €1200 filwaqt li l-insurance u l-liċenzja hija ta' €685.93. Dwar dan il-Kunsill qabel. Is-Sindku ppropona ukoll li l-karozza nirranġawha ftit u għaldaqstant ressaq stima ta' €1800 sabiex titranġa sabiex tkun tista' tintuża' mill-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

18.6.3 Is-Sindku Karl Boxall ressaq kwotazzjoni għad-dawl tal-Milied ta' din is-sena bl-ispiża ta' Eur8000 li dawn se jerġgħu ikunu sponsorjati. Apparti d-dawl tal-Milied is-Sindku ssuġerixxa li terġa titranġa is-siġra tal-Milied tal-Pjazza u nerġgħu inkabbruha ftit. Il-Kunsilliera Christine Dalli ssuġerixxiet li din is-sena narmaw il-Pjazza ukoll bid-dawl u ġie propost li nixtru xi fairy lights biex jintramaw fil-pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament li din is-sena d-dawl jinxtegħel fl-1 ta' Diċembru.

18.6.4 Is-Sindku Karl Boxall fetaħ diskussjoni dwar l-isem li jista' jingħata l-Ġnien fi Triq il-Bwar li se jsir minn Project Green. Il-Kunsillier Stephen Attard issuġġerixxa li jissemma għat-Tabib Rizzo Naudi minħabba li kien joqgħod fl-inħawi. Il-Maġġoranza tal-Kunsill issuġġerixxa li jingħata l-isem ta' Ġnien il-Familja. Għaldaqstant se tinbagħat proposta bl-ewwel preferenza tkun Ġnien il-Familja u t-tieni preferenza tkun Ġnien it-Tabib Rizzo Naudi. Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li ma jaqbilx mat-tieni preferenza minħabba li diġà sar bust b'kommemorazzjoni għat-tabib. Għaldaqstant f'każ li jiġi magħżul it-tieni isem huwa ssuġerixxa li l-bust jinqala' minn fejn qiegħed u jitpoġġa fil-ġnien. Dwar dan il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa il-Vici Sindku Brian Xuereb talab li jkun skużat (19:57)*

18.6.5 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba sabiex l-isqaq ta' fejn hemm ta' Carabott jingħalaq bil-bollards. Il-Kunsill qabel.

18.6.6 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba mingħad il-Klabb tal-Boċċi fejn jridu jdawru ċ-ċint b'fence tal-ħadid u talbu li titwaqqa' l-kamra fejn hemm il-letrini l-antiki biex isir iċ-ċint mad-dawra kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar nitkellmu mal-Perit tagħna u niċċekkjaw il-pjanti ta' Santu Rokku biex naraw jekk tistax issir kaxxa tad-dawl minħabba li ġol-kmamar hemm il-meter tad-dawl.

**18.7 <u>Ġbir ta' Skart</u>**

18.7.1 Is-Sindku Karl Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal ir-Reġjun qed jitolbu il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-ħsieb li l-ġbir tal-iskart jibda' jsir filgħaxija.

18.7.2 Is-Sindku Karl Boxall qal li minkejja li hemm vantaġġi b'din is-sistema li se tħalli impatt tajjeb fuq it-traffiku filgħodu, hemm diversi sfidi li l-Kunsilli se jkunu qegħdin jaffaċjaw jekk il-ġbir isir filgħaxija.

18.7.3 Wara diskussjoni dwar din il-materja il-Kunsill qabel li l-iskart għandu jibqa' jinġabar filgħodu għax jekk jinġabar filgħaxija se jkunu qed jinħolqu ħafna inkonvenjenzi lir-residenti.

**18.8 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera</u>**

18.8.1 Is-Sindku Karl Boxall ħa spunt mill-Laqgħa fejn sostna li kull kunsillier għandu għandu jaħdem fuq id-dekasteru tiegħu mingħajr ma jinqabeż ħadd. Dan biex kulħadd ikollu ċ-ċans jiżviluppa ċertu ideat li jkollu fid-dekasteru tiegħu.

18.8.1 Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li għall-attivita' tal-Water Games l-aħjar li nitolbu l-permess tal-pulizija biex nagħlqu t-triq u l-bouncing castle jiġi armat fit-triq. Huwa nforma lill-Kunsill li l—Bouncing Castle se jiġi jiswa €500 +VAT, filwaqt li se jinġieb ukoll xi sound u first aider f'każ ta' emerġenza. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

18.8.2 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi infurmat li l-ħarġa fil-Palazz tal-President se ssir fl-10 ta' Settembru u għal dakinhar ser jingħata snack u min-naħa tal-Kunsill nagħtuhom flixkun ilma. Il—Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

18.8.3. Is-Sindku fakkar biex min irid jiġi Sqallija fl-4 ta' Ottubru għandu jibbukkja malajr kemm jista jkun.

18.8.4 Rigward l-attivita' tal-Ħeluween, il-Kunsill qabel li tingħalaq Triq id-Dejl biex l-attivitajiet isiru kemm fil-Ġnien kif ukoll fit-triq. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jintbagħat it-talba għal permess lill-Pulizija biex tinħareġ id-DPN. Sadanittant is-Sindku qal li għandhom jinbdew jinġiebu l-kwotazzjonijiet biex tibda l-organizzazzjoni.

18.8.5 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi infurmat lill-Kunsill li hemm fondi sabiex tiġi organizzata serata tal-għana fil-lokal u ssuġeriet li din issir fi Pjazza Santu Rokku. Din is-serata tista' ssir viċin Jum Ħal Għaxaq bħala parti mill-attivitajiet li jsiru.

**18.9 Mozzjonijiet**

18.9.1 Annessi mal-Minuti

**18.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

17.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2025 fis-6:15p.m. biex qabel fil-5:30pm issir il-Laqgħa dwar is-siġra tal-Pjazza.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 18**

**Mozzjoni Ref:** 18-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 17

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

---

**Data:** 27.08.2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 18**

**Mozzjoni Ref:** 18-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 18

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard** | **Naomi Mizzi** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 27 t’Awwissu 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 18**

**Mozzjoni Ref:** 18-03

**Mozzjoni:** Biex jiġi approvat ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena 2025

**Jesmond Manicolo**
**Proponent**

**Brian Xuereb**
**Sekondant**

---

**Data:** 27 t'Awwissu 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**